*Actio Pauliana; Art. 1386, 1144 (Kap. 16); Kuntratt*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2018**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1237/07 TA**

**Grace Bonello f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri Kyle Bonello; kif ukoll Karla Bonello u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2017 u wara n-nota ta' Kyle Bonello tal-20 ta' Ottubru 2009 il-Qorti awtorizzat lill-istess Kyle Bonello jassumi l-atti tal-kawza stante li sar maggorenni**

**vs**

**Karl Bonello; Ta' Kra Holdings Ltd (C 13584) u s-socjeta tal-Kurrier Developments Limited ghal kwalsiasi interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Atturi prezentat fis-26 ta' Novembru 2007 u mahluf minn Grace Bonello fl-istess data li permezz tieghu talbu s-segwenti:-

“1. Premess illi Grace Bonello u Karl Bonello huma mizzewgin, ghalkemm presentement hemm proceduri ghal separazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. U billi waqt iz-zwieg taghhom, l-intimat Karl Bonello kien (a) iffurma kumpanija, Ta’ Kra Holdings Limited fl-interess tat-tfal minorenni taghhom Kyle Victor u Karla Bonello, (b) u assenja s-subcens perpetwu fuq id-dar matrimonjali “tal-Kurrier”, Triq il-Kbira, Gharghur ta’ liema d-direttarja kienet l-istess rikorrenti Grace Bonello, lil din l-istess kumpanija; (c) u billi inoltre wara li hu u kif ukoll il-kumpanija tieghu Kurrier Developments Ltd kien dahal f’dejn mal-Banek APS u l-Bank of Valletta, l-intimat Karl Bonello kien flimkien ma martu ta garanzija ghal dawn id-djun; (d) u inhareg ipoteka mis-socjeta Ta’ Kra Holdings fuq l-istess fond in garanzija ta’ dawn id-djun;

3. U billi l-kumpanniji ta’ Kra Holdings Limited kienet iffurmata b’mod li ghalkemm it-tfal, Kyle u Karla Bonello, inghataw 498 share fil-kumpanija (minn hames mija 500) l-gestjoni tal-kumpanija kienet f’idejn missierhom, Karl Bonello, li kellu biss zewg *shares* fil-kumpanja u t-tfal huma ma kellhom l-ebda dritt ta’ vot hlief ghal meta kellu jittiehed vot straordinarju;

4. U billi d-djun ta’ Karl Bonello u l-kumpannija tieghu Kurrier Development Ltd mal-banek kummercjali premessi ma gewx saldati u ghalhekk inbdew proceduri sabiex il-fond imsemmi jinbiegh bis-subbasta u dana in ezekuzzjoni tal-garanzija ipotekarja moghtija mis-socjeta` Ta’ Kra Holdings Ltd, liema proceduri ghadhom pendenti sallum;

5. U billi l-istess Karl Bonello, ma kienx qed imexxi s-socjeta` in buona fede fl-interess ta’ l-azzjonisti kollha u li kien ser jippregudika b’mod serju d-drittijiet tal-kumpanija u ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil dina l-Onorabbli Qorti taghtihom rimedju xieraq ghal pregudizzju ingust li kienu qeghdin isofru liema proceduri ghadhom pendenti;

6. U billi ricentement, ossia permezz ta’ Att pubbliku datat 28 ta’ Settembru 2007 kif sussegwentement korrett b’att iehor tas-16 t’Ottubru 2007, din il-kuncizzjoni giet rexxissa u ikkancellata, u dana ghall-ebda konsiderazzjoni;

7. U billi b’dan il-mod l-intimati jew min minnhom qeghdin ittentaw inehhu l-assi principali tas-socjeta` ta’ Kra Holdings Ltd b’risultat li dina l-kumpanija tkun insolventi bi pregudizzju evidenti ghall-interessi tar-rikorrenti, u dan iktar u iktar meta kien hemm proceduri mill-istess rikorrenti biex jitnehha l-pregudizzju soffert mir-rikorrenti;

8. U billi l-agir ta’ l-intimat kien karaterizzat bil-*mala fede* u frodi li b’dan il-mod mhux biss prova nehha l-uniku assi tas-socjeta` Ta’ Kra Ltd minn

b'dannu evidenti lil rikorrenti Karla u Kyle Bonello (bhala *shareholders* moggoritarji) u l-kredituri taghha, izda anke fil-konfront tar-rikorrenti Grace Bonello li kienet tat garanzija flimkien ma zewgha, l-intimat, fil-konfront tad-djun garantiti permezz ta' ipoteka mis-socjeta Ta' Kra Ltd;

9. U billi fil-fatt ai termini ta' l-artiklu 11 tal-Memorandum & Articles tas-socjeta` Ta' Kra Holdings Limited huwa dikjarat espressament: '*nothing in the foregoing shall be construed as empowering the board of Directors to sell, transfer … or otherwise alienate or burden any capital assets held by the company save where authorised in each specific case by extraordinary resolution of the members;'*

10. U billi ai termini ta' l-artiklu 29 *All members, including members holding ordinary B class shares shall be entitled to vote on all resolutions that, directly or indirectly, relate to, deal with or provide for the following issues: - (iii) the sale, transfer, assignment, leasing r burdening of any of the Company's assets;*

11. U billi ghalhekk l-Att pubbliku datat 28 ta' Settembru 2007 kif sussegwentement korrett b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 mhux biss sar b'vjolazzjoni tal-*Memorandum & Articles* ta' l-istess socjeta` Ta' Kra Holdings Limited izda anke bi frodi evidenti kontra l-interessi tar-rikorrenti;

12. U billi in oltre l-att recissorju tat-28 ta' Settembru 2007 huwa null in kwantu hemm kunflitt ta' interess palez ta' Karl Bonello li iffirma kemm bhala mandatarju tas-socjeta` Ta Kra Holdings Limited u anke fl-interess tieghu personali bi vjolazzjoni ghalhekk ta' l-Artiklu 1368 tal-Kap 16;

13. U billi r-rikorrenti talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi, liema Mandat igib in-numru 1588/07 sabiex jissalvagwardaw id-drittijiet taghhom kontra l-istess intimati.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex toghgobha, salv kwalsiasi dikjarazzjoni xieraq u opportun:-

1. Tiddikjara li l-Att pubbliku datat 28 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri kif sussegwentement korrett b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri sar in frodi tad-drittijiet tal-atturi u tas-socjeta` Ta' Kra Holdings Limited kif fuq inghad;

2. Tiddikjara konsegwentement illi minhabba l-imsemmija frodi l-att ippubblikat fit-28 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri kif sussegwentement korrett b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar

Liza Camilleri sar in frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti u tas-socjeta` Ta' Kra Holdings Limited huwa null u bla effett;

3. Tiddikjara sussegwentement illi ghar-ragunijiet fuq premessi l-att ippubblikat fit-28 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri kif sussegwentement korrett b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri sar in frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti u tas-socjeta` Ta Kra Holdings Limited huwa null u bla effett;

4. U konsegwentement tordna r-rexissjoni tal-kuntratt u att korrettorju premessi u ghal dan il-fini tahtar nutar sabiex jippubblika kwalsiasi att relattiv u kuraturi ghall-eventwali kontumaci u tiffissa jum, hin u lok ghal att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1588/2007, li minn issa huma ngunti in subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti r-rikorrenti."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuti prezentata fis-27 ta' Marzu 2009 u mahlufa fl-istess data minn Karl Bonello li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament hadd mir-rikorrenti ma ghandu interess guridiku u *locus standi* sabiex jipproponi t-talbiet kif kontenuti fir-rikors fuq citat stante illi huma ma humiex kredituri ai termini ta' l-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi wkoll preliminarjament u in ogni kaz is-socjeta` intimata Ta' Kra Holdings Limited mhijiex il-legittima kontradittrici stante illi fit-talbiet kollha tar-rikorrenti qieghda tintalab dikjarazzjoni illi l-istess socjeta` soffriet xi pregudizzju daqs illi kieku kienet l-istess socjeta` li qed tipproponi l-istess talbiet.

3. Illi preliminarjament ukoll lanqas is-socjeta` Kurrier Developments Limited ma hija l-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna stante illi effettivament ma hemm l-ebda talba u/jew premessa fil-konfront ta' l-istess socjeta` da parti tar-rikorrenti, u din is-socjeta` ma kienet parti fuq l-ebda wiehed mill-atti li qeghdin jigu impunjati f'din il-kawza, b'dan illi ghaldqastant l-istess socjeta` ghandha tigi liberata minnufih mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hadd mir-rikorrenti ma huwa "kreditur" skond il-ligi ta' l-esponenti jew min minnhom peress illi hadd mir-rikorrenti fil-kwalita` tieghu premessa ma ghandu azzjoni u/jew x'jiddeduci fil-konfront ta' l-intimati jew min minnhom.

5. Illi ukoll fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hadd mill-intimati ma huwa "debitur" tar-rikorrenti jew min minnhom u dan stante illi l-ebda att ma sar bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-istess rikorrenti jew min minnhom, kif trid il-ligi.

6. Illi t-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt press illi effettivament l-istess intimati bl-ebda mod ma rrendew ruhhom insolvibbli jew anqas solvibbli bi pregudizzju ghar-rikorrenti, u effettivament hadd mir-rikorrenti ma soffra xi pregudizzju bhala rizultat ta' l-atti li r-rikorrenti qed jippruvaw jimpunjaw permezz tal-kawza odjerna.

7. Illi in aggunta l-atti impunjati ma sarux b'qerq izda saru in esercizzju tad-dritt legali wara li c-cens impost fuq Ta' Kra Holdings Limited ma kienx qieghed jigi mhallas ai termini tal-koncessjoni sub-enfitewtika li kienet saret fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler nhat it-23 ta' April 1992.

8. Illi finalment it-tielet talba hija merament ripetizzjoni tat-tieni talba.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u bl-ingunzjoni ta' l-istess rikorrenti in subizzjoni."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta’ fatti**

**1.** L-azzjoni esperita mill-atturi tattakka r-rexissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika tal-fond bl-isem “Tal-Kurrier”, numru 60 u 62 Triq il-Kbira Gharghur, inkluza bicca art adjacenti ta’ circa 620.45m² li saret mill-uniku komparenti l-Konvenut Karl Bonello li deher f’zewg vesti - f’ismu proprio u f’isem u ghan-nom tas-Socjeta` Konvenuta Ta’ Kra Holdings Ltd. Din ir-rexissjoni saret b’att pubbliku datat 28 ta’ Settembru 2007 (a` fol 44) kif korrett b’att pubbliku iehor datat 16 t’Ottubru 2007 (a` fol 46), it-tnejn fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri.

**2.** Jirrizulta mill-atti li l-koncessjoni sub-enfitewtika li giet rexissa, kienet akkwistata mis-Socjeta` Konvenuta minghand il-Konvenut personalment bis-sahha ta’ kuntratt pubbliku datat 23 ta’ April 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler (a` fol 6). L-Attrici mara ghandha d-dirett dominju tal-imsemmija proprjeta`. Skont dan il-kuntratt, il-Konvenut Karl Bonello kkonceda b’titolu ta’ sub-enfitewzi perpetwa l-fond imsemmi lis-Socjeta` Konvenuta ‘Ta’ Kra

Holdings Ltd' versu is-subcens annwu u perpetwu ta' elf lira Maltija (LM1,000).

**3.** Mill-Memorandum & Articles of Association (a` fol 21 u 151) kif sussegwentement mibdul fl-24 ta' Novembru 1997 (a` fol 116), jirrizulta li s-Socjeta` 'Ta' Kra Holdings Ltd' giet imwaqqfa fit-13 ta' Frar 1992. Bhala l-uniku Direttur ghandha lill-Konvenut Karl Bonello (ara fol 24) u bhala azzjonisti lill-imsemmi Karl Bonello in kwantu zewg (2) *Ordinary A Class shares* u wliedu Atturi ahwa Kyle u Karla Bonello in kwantu mitejn u disa u erbghin (249) *Ordinary B Class shares* kull wiehed (ara fol 23 u 24). Jirrizulta li kienu gew istitwiti proceduri mill-atturi (Rik Gur 68/06 AF) sabiex din il-kumpanija tigi stralcjata (ara affidavit ta' Grace Bonello a` fol 57). Dawn il-proceduri marru dezerti fl-20 ta' Novembru 2014.

**4.** Il-fond in kwistjoni kien iservi bhala dar matrimonjali tal-Attrici Grace Bonello u l-Konvenut Karl Bonello, li zzewgu fid-29 ta' Lulju 1989. F'din id-dar kellhom ukoll joqoghdu maghhom lil uliedhom l-atturi Karla u Kyle ahwa Bonello (ara affidavit ta' Grace Bonello a` fol 56). L-Atturi ma baqghux jirrisjedu fil-fond imsemmi wara li l-Attrici Grace Bonello nfirdet *de facto* minn ma' zewgha minhabba kwistjonijiet matrimonjali. Tajjeb li jinghad li bejn il-konjugi Bonello proceduri ta' separazzjoni personali pendenti. Irid jigi nnotat li r-rexxissjoni inkwistjoni saret meta kien ghad hemm pendenti dawn il-proceduri.

**5.** Skont l-attrici Grace Bonello, il-propjetá mertu tar-rexxissjoni in kwistjoni hija milquta bi privilegg specjali, in kawtela tal-kreditu taghha, ghac-cnus li l-Konvenut Karl Bonello ghandu jaghtiha bhala c-censwalist in virtu` tal-kuntratt imsemmi tal-20 t'Awwissu 1982 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (affidavit ta' Grace Bonello a` fol 58). Tajjeb li jkun osservat li dan il-kuntratt sar meta kienu ghadhom gharajjes u ghalhekk qabel iz-zwieg ta' bejniethom.

**6.** Jirrizulta li l-fond in kwistjoni huwa wkoll milqut b'ghadd ta' ipoteki, kemm generali u anke specjali favur, fost ohrajn, kredituri Bankarji bhal ma huma l-Bank of Valletta p.l.c. u l-APS Bank Limited. Bdew sahansitra proceduri ghall-bejgh in subbasta tal-proprjetá n kwistjoni bin-numru 29/2005 (affidavit ta' Grace Bonello a` fol 57) liema proceduri gew istitwiti mill-Banek in kwistjoni. Dawn il-proceduri gew dikjarati nulli ai termini tal-artikolu 351(1) tal-Kap. 12 permezz ta' digriet datat 8 ta' Ottubru 2013.

**7.** Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Atturi jirrisulta (a` fol 459), li originarjament il-fond in kwistjoni kien gie akkwistat f'isem l-attrici Grace Bonello b'att pubbliku datat 24 ta' Lulju 1980 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella. Sussegwentement trasferiet l-utli dominju tieghu lill-Konvenut Karl Bonello, kif inghad aktar 'il fuq, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa permezz ta' kuntratt datat 20 t'Awissu 1982 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani ghac-cens

annwu u perpetwu ta' LM200. Ghalkemm ma jirrizultax li dawn l-atti gew prezentati mill-Atturi, ma gewx kontestati mill-Konvenuti.

**Punti ta' Ligi**

**8.** L-Atturi ddikjaraw li l-azzjoni li qeghdin jesperitaw bil-kawza odjerna hija l-*actio pauliana* ai termini tal-artikolu 1144 tal-Kap. 16 (ara rikors a` fol 398 u nota ta' sottomissjonijiet a` fol 458).

**9.** Min-naha taghhom il-Konvenuti qedghin jilqghu ghal din l-azzjoni ghas-segwenti ragunijiet legali:

**10.** Huma jinsistu li l-Atturi ma ghandhom l-ebda "locus standi" fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili. Li ma gie kkawzat ebda "eventus damni" u li l-element ta' "consilium fraudis", tant neccessarju ghas-success tal-azzjoni Pauliana, huwa ghal kollox mankanti.

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Fis-sentenza tal-**Prim' Awla Qorti Civili fl-ismijiet Carmelo u Carmen konjugi Magri vs Mixer Limited et moghtija fis-17 ta' Gunju 2005** jinghad hekk dwar din l-azzjoni:-

> "[L]-*azzjoni Pawljana (li hija wkoll imsejħa bħala revokatorja) hija waħda ta' natura personali* (P.A. **27.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino vs Vella et***

(Kollez. Vol: **XLV.ii.748**)) *li hija miftuħa għal kull min għandu pretensjoni ta' kreditu biex jitlob it-twettiq ta' obbligazzjoni mingħand id-debitur tiegħu u li jrid iwaqqa' att jew fatt li dak id-debitur ikun wettaq ma' terzi, li bih dak il-kreditu jiġi preġudikat* (App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.24**));

*Illi l-elementi ewlenin tal-azzjoni huma: (a) l-eżistenza tal-kreditu; (b) l-għamil dannuż tad-debitur (eventus damni); u (ċ) il-ħsieb tad-debitur li, b'dak l-għamil, il-kreditu jista' jiġi mġarrab (consilium fraudis);*

*Illi għar-rigward tal-element tal-kreditu, il-kumpaniji mħarrkin sejsu parti sewwa mid-difiża tagħhom fuq il-fatt li, meta nbdiet il-kawża, l-atturi kellhom biss pretensjoni ta' kreditu u mhux kreditu kanoniżżat jew riżultanti minn titolu eżekuttiv.*

*Illi din il-linja ta' difiża ma tgħoddx għall-azzjoni Pawljana, u dan għaliex il-kreditu li huwa biżżejjed biex isejjes l-azzjoni attriċi m'għandux għalfejn ikun dejn kanoniżżat, anzi lanqas biss għandu għalfejn ikun dejn pekunjarju.*

*Għaliex ikun biżżejjed jekk id-dejn jikkonsisti fi pretensjoni ta' adempiment ta' obbligazzjoni li, bl-għamil tad-debitur ta' dik l-obbligazzjoni, tista' u x'aktarx tiġi preġudikata* (P.A. **20.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1054)**).*Kemm hu hekk, tqies li jkun hemm kreditu ukoll f'każ fejn l-għamil impunjat kien jippreġudika likwidazzjoni futura ta' ġid miżmum in komun*(App. Ċiv. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Brigitte Vella vs Richard Vella et***)."

*<u>Locus standi u nteress guridiku tal-Attrici Grace Bonello</u>*

**12.** Ghalhekk stabbiliti l-limiti tal-kumbattiment legali fil-qafas tal-principji ta' ligi u fatti nvoluti fil-kawza, l-ewwel ma jrid ikun stabbilit jekk, ai fini tal-azzjoni msemmija, l-Attrici Grace Bonello ghandhiex ‘locus standi’ ossia l-interess guridiku mehtieg ghall-ezercizzju tal-istess.

**13.** L-attrici sostniet li hi tinstab hekk pregudikata bl-att kompjut minn zewgha minhabba zewg ragunijiet:

i. Li galadarba l-Attrici Grace Bonello tat garanzija personali flimkien ma’ zewgha lill-APS Bank Ltd ghal djun garantiti b’ipoteki mis-Socjetá Konvenuta Ta’ Kra Holdings Ltd fuq il-fond in kwistjoni, hija giet aktar esposta ghal azzjoni legali min naha tal-bank imsemmi billi, bir-rexissjoni tal-koncessjoni emfitewtika, l-imsemmija djun ma humiex iktar hekk garantiti ghaliex ma humiex iktar enfurzabbli kontra s-socjetá msemmija. (**Ara premessa numru 8 tar-rikors guramentat a` fol 2 u nota ta’ sottomissjonijiet a` fol 459).**

ii. Li bir-rexissjoni tal-koncessjoni enfitewtika l-Attrici giet pregudikata mid-drittijiet taghha vis-à-vis l-ishma tal-kumpanija Ta’ Kra Holdings Ltd li huma f’isem il-Konvenut Karl Bonello n kwantu dawn jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti (ara nota ta’ sottomissjonijiet a` fol 463).

**14.** Din il-Qorti qieset l-ewwel raguni kif moghtija mill-Attrici billi rat ix-xhieda tar-rapprezentanta tal-APS (Josianne Gauci) u ezaminat b'reqqa d-dokumenti prezentati minnha fejn jirrizulta li saru s-segwenti garanziji ghad-djun tal-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited:-

i. Il-konjugi Grace u Karl Bonello kienu taw garanzija personali permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Dicembru 1996 (Dok JG 1 a` fol 170) fil-konfront ta' *temporary encroachment* ta' LM15,000 moghti mill-APS Bank lill-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited fis-26 ta' Dicembru 1996 (Dok JG a` fol 169).

ii. Il-konjugi Grace u Karl Bonello kienu taw garanzija personali ohra permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Marzu 1997 fil-konfront ta' *banking facility* ta' LM50,000 moghtija mill-bank lill-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited (Dok JG4 a` fol 182).

iii. Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat ukoll 21 ta' Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello DuPuis (Dok. JG 2 a` fol 176), il-Konvenut Karl Bonello kkostitwixxa favur l-APS bank, in garanzija tar-restituzzjoni tal-hlasijiet dovuti mill-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited, ipoteka generali fuq il-proprjetá presenti u futura tal-kumpaniji tal-Kurrier Developments Limited u Ta' Kra Holdings Ltd u, f'isem u ghan-nom tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd, ipoteka specjali

fuq il-propjetá tal-Gharghur mertu ta' din il-kawza. Dawn l-ipoteki gew iskritti mar-Registru Pubbliku bin-numru ta' registrazzjoni I 4459/1997 (ara nota a` fol 186).

iv. Il-Konvenut Karl Bonello dahal f'kuntratt iehor ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 31 ta' Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler (a` fol 189 u 280). Permezz ta' dan il-kuntratt il-Konvenut Karl Bonello kkostitwixxa f'ismu proprju a favur il-bank ipoteka generali fuq il-propjetá presenti u futura tal-proprjetá parafernali tieghu u tas-sehem tieghu mill-komunjoni tal-akkwisti n garanzija tar-restituzzjoni tal-hlasijiet kollha dovuti lill-bank mill-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited. Sad-data ta' dan il-kuntratt dawn il-hlasijiet kienu jammontaw ghal LM87,015.65 flimkien mal-imghax akkumalat. Permezz ta' l-istess att Karl Bonello kkostitwixxa wkoll a favur il-bank ipoteka generali ohra fuq il-proprjetá presenti u futura taz-zewg kumpaniji tal-Kurrier Developments Limited u Ta' Kra Holdings Ltd u, f'isem u ghan-nom tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd, ipoteka specjali ohra fuq il-proprjetá tal-Gharghur mertu ta' din il-kawza. Dawn l-ahhar zewg ipoteki gew kostitwiti n garanzija tar-restituzzjoni ta' hlasijiet ta' somom addizzjonali dovuti lill-imsemmi bank mill-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited. Sad-data tal-kuntratt dawn il-hlasijiet addizzjonali kienu jammontaw ghal LM37,015.65 flimkien mal-imghax akkumulat. Dawn l-

ipoteki gew iskritti fir-registru pubbliku bin-numru ta' registrazzjoni I 13537/2001 (ara nota a` fol 187).

v. B'zieda mal-ipoteka generali kostitwita f'isem il-konvenut Karl Bonello, l-APS bank irriduca l-istess ghal wahda specjali billi rregistra ai termini tal-artikolu 2016 tal-Kap. 16 ipoteka specjali f'isem il-konvenut Karl Bonello fuq il-fond tal-Gharghur mertu ta' din il-kawza. Din l-ipoteka giet iskritta permezz ta' nota prezentata fir-registru pubbliku bin-numru ta' registrazzjoni I 4318/2008 (Dok JG 7 a` fol 196).

**15.** Minn dan kollu jemergi, li anke kif spjegat fix-xhieda taghha Josianne Gauci (a` fol 301 et seq u 320 et seq), li bil-garanziji ipotekarji registrati f'isem Karl Bonello in nome proprio, il-kuntratt kif korrett ta' rexissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika, ma pregudikax il-pozizzjoni tal-bank APS anzi wassal biex l-istess bank igawdi dritt ta' pregradwazzjoni iktar favorevoli.

**16.** Ghaldaqstant dawn il-provi jikkonducu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni wahda u cioe`, li r-rexissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika inkwistjoni ma saritx biex l-Attrici taghmel tajjeb hi ghad-djun tal-kumpanija tal-Kurrier Developments Limited.

**17.** Il-Qorti issa se tqis ir-raguni l-ohra moghtija mill-Attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u cjoe`, li r-rexissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika

kienet intiza biex tnaqqas il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Karl Bonello.

**18.** Kwantu jirrigwarda dan il-punt, il-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza **Brigitte Vella vs Richard Vella et** datata 26 ta' Ottubru 2001 kif konfermata fil-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2003, sostniet hekk:-

> "*L-attrici setghet tagixxi bl'azzjoni pawljana jew revokatorja ghax ghalkemm il-mara ma tistax tigi kunsidrata bhala kreditrici ta' zewgha sakemm l-komunjoni ta' l-akkwisti ghada mhiex terminata, pero' gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et" (Vol XXXIV.p 3 p851) li:*
>
> *"Il-kelma 'kreditur' f'materja ta' azzjoni pawljana ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu pekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jesperixxi din l-azzjoni kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur.*
>
> *Il-mara li tinsab pregudikata minn att kompjut minn zewgha, ghax dan ikun iddispona minn beni ta' l-akkwisti, tista' tipproponi din l-azzjoni wara l-mewt ta' zewgha minghajr m'hemm bzonn li qabel hija titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti……"*
>
> *Ghalhekk ghalkemm ir-ragel hu l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hu ma jista' jaghmel xejn biex jippregudika d-drittijiet ta' martu fl-istess komunjoni.*"

**19.** Din ghalhekk hija interpretazzjoni pjuttost wiesgha ta' dak li ghandu jigi kkunsidrat bhala kreditu antecedenti ghall-att tad-debitu. Interpretazzjoni li tinstab ghalhekk ben skolpita fid-dottrina guridika taghna. Ma hemmx dubju ghalhekk, li fis-sens kif fuq insenjat, li l-Attrici Grace Bonello ghandha tkun ikkunsidrata bhala kreditrici tal-Kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd senjatament ghall-ishma li huma f'isem il-Konvenut Karl Bonello, inkwantu li l-valur taghhom dawn jincidi sostanzjalment fuq il-konsistenza tal-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Bonello u konsegwentement l-eventwali likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk minn dan ir-ragunament isegwi, li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' nteress fil-konfront tal-Attrici Grace Bonello ghandha tigi michuda billi l-istess Attrici ghandha kull interess li tikkonserva l-patrimonju tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-Konvenut Karl Bonello.

**20.** Huwa logiku ghall-ahhar, li bir-rexxissjoni mertu tal-kawza r-risultat huwa wiehed car: is-Socjeta' inkwistjoni giet imnezza' mill-aktar assi ta' valur li kellha. Il-konsegewenza hija wahda logika u naturali: il-valur tal-ishma fl-imsemmija Socjeta`, inkwantu dawn jaghmlu parti mill-massa ta' beni li jikkomponu l-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejn l-Attrici u l-Knvenut, gie avversament affettwat.

**21.** Aktar minn hekk, bir-rexxissjoni inkwistjoni gew in effett il-konsegwenzi tal-artiklu 1209(1) tal-Kodici Civili u cioe`:-

"Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim".

**22.** Dan huwa effett fatali ghall-Attrici, inkwantu jirrigwardaw il-pretensjonijiet taghha fil-kawza ta' separazzjoni personali. Dan qieghed jinghad, ghaliex bir-rexxissjoni imsemmija, il-fond in kwistjoni rega' irreverta lura ghand il-Konvenut bhala propjeta' parafernali tieghu. Dan qieghed jinghad, ghaliex dan il-fond kien akkwistat minnu personalment minghand l-Attrici qabel iz-zwieg. Allura, ai fini tar-regim li jirregola l-patrimonju matrimonjali, ser ikun inevitabilment mill-ottika legali, ikkunsidrat bhala beni parafernali tal-Konvenut b'detriment patrominjali car ghall-Attrici. Fi ftit kliem, bir-rexxissjoni imsemmija, il-Konvenut ser ikun gie li eluda l-pretensjonijiet tal-Attrici f'dik il-kawza u b'hekk ikun arrekixxa lilu nnifsu indebitament a` spejjez taghha.

**23.** F'dan ir-rigward, l-awtur Taljan **Emidio Pacifici-Manzoni** jghid hekk a` propositu tal-azzjoni pauliana:

"*Essa ha per fondamento or la regola che niuno deve arrichirsi a detriment altrui; or l-altar che ognuno e' reponsabile del danno che ha cagionato pel fatto propio. Invero sense il sussidio di di tale azione i terzi si arricchireberro a detriment dei creditori di colui col quale hanno stipulato att."* (**Istituzioni Di Diritto Civile Italiano`, Vol V; pg. 195; Para 98; Ed.1873 Firenza Fratelli Cammelli.)**

*<u>Locus standi u nteress guridiku tal-Atturi ahwa Bonello</u>*

**24.** Kif gie rilevat mill-**Qorti tal-Appell fis-sentenza Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et deciza fl-10 ta' Jannar 1955**:-

> "*Ir-rimedju ta' l-applikazzjoni ta' l-azzjoni revokatorja ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara illi jigu sodifatti d-drittijiet tieghu* **(Vol. XXVIII-I-254)**. *Taht dan l-aspett, u jekk jikkonkorru l-kondizzjonijiet kollha, l-attur jista', u ghandu, jigi konsidrat bhala kreditur ghall-finijiet ta' l-azzjoni minnu ezercitata. Dan il-kreditu, bhala regola, ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat bi frodi* (**Giorgi**, ibid, para. 264); *imma minn din ir-regola tigi eskluza l-ipotesi meta l-att frawdolent ikun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri***(Vol. XXVIII-I-254)**."

**25.** Bhala azzjonisti tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd, l-Atturi ahwa Bonello ma jistghux ma jitqiesux bhala t-titulari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, konsistenti fil-valur tal-ishma li kull wiehed minnhom jipposjedi fis-Socjeta` Konvenuta. Bl-att ta' rexissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika mertu tal-kawza, l-ahwa Atturi, b'konsegwenza tal-agir unilaterali ta' missierhom qua direttur tal-istess Socjeta` u li kif ser jinghad aktar 'l quddiem, anke bi ksur car tar-Regolamenti tal-Istatut tas-Socjeta`

Konvenuta, ser ikunu certament soffrew diprezzament pesanti, jekk mhux ukoll rezi ma jiswew xejn, fl-ishma minnhom mizmuma fl-istess Socjeta`.

**26.** Ma hemm ebda dubbju li bir-rexissjoni msemmija, l-Atturi ahwa Bonello, ser ikunu gew zvestiti mill-uniku attiv tas-socjetá msemmija. Ghalhekk l-Atturi ahwa Bonello ser ikunu sfaw pregudikati bl-att ta' rexxissjoni mertu tal-kawza. Dan il-att wahdu, li jissarraf f'telf patrimonjali, anke fuq skorta tas-Sentenzi citati u t-taghlim tal-awturi, jintitulahom sabiex jigu kwalifikati bhala kredituri tas-Socjeta` Ta' Kra Holdings Ltd. Dan qieghed jinghad ai fini tal-ezercizzju tal-azzjoni pawljana. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda.

*<u>L-interess guridiku u l-legittimita` tas-Socjeta` Konvenuta fil-gudizzju</u>*

**27.** Il-Konvenuti bhal donnhom jargumentaw ukoll (a` fol 482), li jekk l-azzjonisti jidhrilhom illi t-tmexxija da parti tal-Konvenut Karl Bonello bhala Direttur kienet ta' pregudizzju ghalihom, huma kellhom bosta rimedji taht il-Ligi tal-Kumpaniji, izda certament mhux li jesperixxu l-azzjoni pawljana. Dan jintqal presumibilment b'referenza ghar-rimedji taht artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

**28.** Huwa minnu li ghalkemm l-Atturi kollha ghandhom interess fil-kawza, il-posizzjoni tal-ulied Atturi hija differenti minn dik tal-omm Attrici. Fil-waqt li tal-ahhar ghandha l-interess taghha mizrugh fir-regim matrimonjali mal-

Konvenut, u dan kif spegat aktar 'l fuq, mhux hekk il-posizzjoni tat-tfal Atturi. Dawn huma membri diretti tas-Socjeta` inkwistjoni. Ghalhekk, l-interess taghhom mhux biss huwa rifless fil-valur intrinsiku tal-ishma taghhom fl-istess Socjeta`, izda wkoll in-nonosservanza tar-Regolamenti tal-Istatut tas-Socjeta` Konvenuta da parti tal-Konvenut missierhom, biex seta' jimmanuvra b'mala fede u ghalhekk bi frodi, anke b'detriment tas-Socjeta` Konvenuta nnifisha.

**29.** Huwa minnu, li fic-cirkostanzi kieku riedu kellhom ukoll ghad-disposizzjoni taghhom, fost ohrajn ir-rimedju taht artiklu 402(3)(e) jew(f) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt kienu istitwew kawza taht dan il-Kapitlu, li pero' kif intqal aktar 'l fuq marret dezerta. Izda fil-kaz odjern, l-Atturi ulied la huma jitolbu kumpens u l-anqas ma huma qeghdin, qua azzjonisti, jaghmlu kawza ghan-nom tas-Socjeta` Konvenuta jew biex ikunu jistghu jaghmlu xi wiehed mill-atti imsemmija fis-subinciz (f). L-anqas ma huma jitolbu l-istralc tas-Socjeta`. L-azzjoni minnhom maghmula f'din il-Kawza hija wahda generali u moghtija lill-Atturi mhux bhala socji, izda bhala rimedju ordinarju taht artiklu 1144 tal-Kodici Civili.

**30.** Ghalkemm huwa minnu li s-Socjeta' Ta' Kra Holdings Ltd hija indikata bhala Konvenuta, dak li qieghed jintalab huwa, fl-ahhar nett fl-interess taghha wkoll. Is-sitwazzjoni fejn jigu indikati Konvenuti, li altrimenti setghu ukoll kienu Atturi, ma hiex unika ghal din il-kawza. Per ezempju, sitwazzjoni

simili tesisti fil-kamp tal-ligi tal-Kera, meta tkun qed tintalab ir-ripresa tal-pussess ta' fond (ara **Sentenza Qorti Appell Inf per Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet Adelaide Ellul et -vs- Modern Crown Stoppers Ltd tat-12 ta' Novembru 2003**). Fejn hemm resistenza volontarja ta' persuni biex jagixxu, jew ikunu persuni, li jkollhom ostaklu jew vittmi ta' impediment, ghaliex ma jistghux jagixxu, indipendement mir-rieda taghhom, jekk dawn il-persuni ikunu mehtiega f'kawza minhabba l-integrita` tal-gudizzju u ezekuzzjoni konsegwenzjali tal-istess u gieli l-presenza taghhom tkun anke mehtiega fl-interess taghhom stess, jistghu minflok bhala Atturi, jigu indikati fil-kawza bhala Konvenuti.

**31.** L-Atturi ahwa Bonello, qeghdin jippremettu, li l-Konvenut agixxa in mala fede u bi frodi tad-drittijiet taghhom qua azzjonisti fis-Socjeta` Konvenuta. Meta l-ligi tipprovdi varjeta' ta' azzjonijiet, ma hemm xejn xi jzomm lil dak li jkun li jaghzel dik li l-aktar li jidhirlu tista' tipprotegi d-drittijiet tieghu. Dan jinghad sakemm il-ligi ma tipprovdix azzjoni esklussiva. L-azzjoni pawljana l-anqas ma hi azzjoni residwali, bhal ma hi dik tal-'actio de rem in verso', sa ftit ilu rimedju moghti mill-Qrati, illum parti mill-Kodici Civili.

**32.** B'din il-kawza l-Atturi, anke fid-dawl tal-pretensjonijiet tal-omm, dehrilhom li ma kellhomx jaghzlu xi binarju legali li joffri l-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, izda azzjoni li joffri l-Kodici Civili – dik pawljana. Il-fondament ta' din l-azzjoni huwa l-frodi civili, li galadarba jirrizulta, jannulla kull negozju li

jkun sar bi pregudizzju ghal min ikun qieghed jesperita din l-azzjoni. F'dan is-sens huma s-sentenzi tal-Qrati taghna. Jinkuruna dan l-argument hemm ukoll l-azioma *'fraus omnia corrumpit'.* Kulhadd huwa mistenni li fl-esercizzju tad-drittijiet u twettiq tal-obbligi tieghu jagixxi *'in buona fede'.*

**33.** F'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal mill-**Prim Awla, fil-kawza fl-ismijiet E. Enriquez et v. Avukat Dr. A. Farrugia et noe** tat-12 ta' Ottubru 1995 fejn intqal li – "fejn jirrizulta agir skorrett li juri *mala fides* (Il-Qorti) ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-*mala fides* tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-*bona fides*. L-ebda negozju guridiku ma ghandu mmunita mill-principju *fraus omnia corrumpit*", liema principju gie wkoll konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Malta Development Corporation v. Zet Ltd tal-5 ta' Ottubru 2001** (ara ukoll **Sentenza Qorti tal-Appell Superjuri tat-13 ta' April 2007 fl-ismijiet Lombard Bank Malta Plc -vs- Euripex Ltd et**).

**34.** Ghalhekk meta l-Konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom (a` fol 65) jargumentaw li s-Socjeta` Konvenuta ma hiex il-legittima kontradittrici, stante li qeghdha tintalab dikjarazzjoni illi l-istess Socjeta` soffriet xi pregudizzju, daqs li kieku kienet l-istess Socjeta` li qed tipproponi l-istess talbiet, ma ghandhomx ragun. Mhux biss ghal dak li nghad aktar 'l fuq, izda ukoll ghal dak li ser jinghad hawn taht, u li jkompli jitfa' dawl, jew ahjar dell suspettuz

fuq l-intenzjonijiet tal-Konvenut ghall-mod kif agixxa biex wassal ghall-kuntratti ta' rexxissjoni imsemmija.

**35.** Il-Qorti fliet l-Istatut u l-Memorandum ta' Assocjazzjoni tas-Socjeta` Konvenuta (a` fol 93 Dok AS). Dan huwa dokument, li fih innifsu huwa kuntratt bejn numru ta' persuni qua socji kontribwenti, li jikkomponu Socjeta` anonima bil-hsieb li jippromwovu l-gid ta' bejniethom, li ghandha personalita` distinta u awtonoma minn kull wiehed minnhom. Ghalhekk bhal kull kuntratt iehor, l-akkordju li jkunu lahqu s-Socji bejniethom bis-sahha tal-Istatut tas-Socjeta`, ghandu jkun esegwit bil-bwona fede li trid il-ligi taht artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-anqas ma huwa accidentali, li in tema, l-artiklu 136A(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi li "**Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onestà u *bona fide* fl-aħjar interessi tal-kumpannija".** Kwazi kwazi din il-ligi tippretendi minn Direttur, bhal ma hu l-Konvenut, grad akbar ta' bwona fede fil-qadi ta' dmirijietu.

**36.** Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, li fl-agir tieghu, il-Konvenut ma mmanifestax din il-bwona fede, fir-rigward tal-ulied Atturi qua socji fis-Socjeta' Konvenuta, meta ghadda ghall-kuntratti ta' rexxissjoni mertu ta' din il-kawza. Apparti dak kollu, li intqal f'din id-Decizjoni, il-Konvenut naqas manifestament milli josserva l-vinkolu kuntrattwali fuq imsemmi, rigward dak li tassativament jesigi l-Istatut tal-Socjeta` Konvenuta kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Bl-eccezzjonijiet li inghataw ghan-nom, izda zgur mhux fl-

interess materjali taghha, irrenda lill-imsemmija Socjeta` Konvenuta, ostagg tieghu fil-kawza. Il-Konvenut bhal donnu jinsa, li anke s-Socjeta' Konvenuta hija persuna ohra. Minflok, ghamel minnha estensjoni tieghu. Ma jaghmel ebda distinzjoni bejnu u bejnha.

**37.** Ghalkemm l-ulied Atturi jippossjedu ishma fi klassi ta' 'B shares' fis-Socjeta` Konvenuta, li jaghtihom dritt ghall-vot biss fic-cirkostanzi imsemmija f'artikli 29 u 32 (tal-ahhar indikat erronjament bhal artiklu 11 fir-Rikors promotur) tal-Istatut tas-Socjeta`, l-Konvenut injora ghal kollox dak li jiddisponu dawn iz-zewg artikli meta ghadda ghall-kuntratti ta' rexxissjoni. Kien jehtieg il-vot tal-ahwa Atturi f'resoluzzjoni straordinarja biex dan seta' jsir. Minn imkien ma jirrisulta li fil-fatt issejhet xi laqgha straordinarja generali, fejn l-ulied Atturi ppartecipaw bil-vot taghhom biex japprovaw resoluzzjoni straordinarja kif jiddisponu l-artikli tal-Istatut tas-Socjeta' Konvenuta fil-kaz tal-kuntratti ta' rexxissjoni imsemmija. L-artiklu 29 imsemmi japplika ukoll ghal dan il-kaz, anke jekk il-kelma rexxissjoni ma tissemmiex espressament, ghax huwa car, li dan l-artiklu huwa mahsub li jhares lis-Socjeta' Konvenuta mill-agir ta' xi wiehed mis-socji li jipprova jnezzaghha mill-assi kapitali taghha, bi pregudizzju ghaliha u konsegwentement tas-socji taghha wkoll.

**38.** Il-Qorti ghalhekk innotat, li kien hemm kawza ohra relatata mal-istess mertu, istitwita mill-Bank of Valletta Plc rikors numru 211/2008, tant li

permezz ta' nota (a` fol 222) f'din il-kawza gew esebiti numru ta' dokumenti (a` fol 223 sa 272) fl-atti ta' din il-kawza. Fost id-dokumenti, hemm ix-xhieda tan-Nutar Lisa Camileri, in-Nutar li ppublikat l-Atti ta' rexxissjoni mertu ta' din il-kawza. Meta immartellata taht kontro-ezami, biex tghid jekk ikkontrollatx il-kwalita' rappresentattiva tal-Konvenut abbazi ta' dak li kien jiddetta l-Istatut tas-Socjeta' Konvenuta, b'referenza implicita ghall-artikli sucitati, kienet ambigwa u xi ftit evaziva (ara a` fol 257).

**39.** Fix-xhieda taghha, f'ebda hin ma qalet li l-Konvenut deher fuq il-Kuntratti imsemmija, billi producilha xi resoluzzjoni straordinarja kif fuq spjegat. Il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li li kieku kien il-kaz, in-Nutar kienet tiftakar. Lanqas ma l-Konvenut jghid li kien hemm din ix-xorta ta' resoluzzjoni, ghaliex li kieku kien ikun jaqbillu li jsemmiha biex jirribatti l-pretensjonijiet tal-ahwa Atturi. L-anqas dawn tal-ahhar qatt ma qalu li dan kien sehh, anzi qeghdin sahansitra jippremettu li dan ma sehhx fir-Rikors promotur taghhom. Ghalhekk il-Qorti ghandha ghalfejn tifhem, li dak li jesigu l-artikli fuq imsemmija tal-Istatut tas-Socjeta` Konvenuta ma gewx osservati mill-Konvenut Karl Bonello.

**40.** Minn dan jirrizulta b'mod indubbitat, mhux biss li l-Konvenut deher fuq l-imsemmija kuntratti ta' rexxissjoni rritwalment, bi ksur tar-regolament tal-Istatut, izda kien in mala fede. Dak li ghamel kien bi pregudizzju u bi frodi, kemm tas-Socjeta` Konvenuta u kif ukoll tal-ulied Atturi qua socji tal-istess.

Dan ifisser li sa fejn jirrigwarda kif giet indirizzata l-kawza kontra s-Socjeta` Konvenuta, il-Konvenuti ma ghandhomx ragun dwar dak li jghidu fit-tieni eccezzjoni taghhom fuq riportata.

*__Eventus Damni__*

**41.** Rigward dan l-element il-gurisprudenza kostanti sostniet li "*L-ewwel element dak tal-eventus damni jigi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.*" (Qorti Civili Prim' Awla, **Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent u Maria Victoria konjugi Pace et**, 15 ta' Ottubru 2003).

**42.** Il-Gurista Ricci jikkwalifika bhala 'pregudizzju' "*il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti*" (Corso di Diritto Civile pg. 322 n 243)

**43.** Di piu', f'cirkostanzi simili, il-Qrati taghna saru propensi li jipprestaw definizzjoni aktar wisgha u estensiva ghal dak li jiddisponi l-artiklu 1144(1) tal-Kodici Civili. Tant li fis-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Tonio Mallia fl-ismijiet Zammit Tabona et -vs- Simlar Limted et**

**tat-13 ta' Frar 2003**, saret referenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet Calleja -vs- Grima** fejn intqal hekk:-

> "Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta' kreditu pekunjarju, is-sentenza 'Ciancio-vs-Buontempo' drastikament iddipartiet minn din id-duttrina u tat dan ir-rimedju lil mara mizzewwga li riedet timpunja att ta' zewgha minghajr il-bzonn li hi qabel titlob il-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti."

**44.** Applikat dan l-insenjament ghal kaz in dizamina jirrizulta li, ghal dak li jirrigwarda l-Attrici Grace Bonello, l-Att ta' rexxissjoni impunjat b'dawn il-proceduri kellu logikament l-effett li jnaqqas il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-Konvenut Karl Bonello kif diga` spjegat u accennat aktar 'l fuq. Bl-istess Att ta' rexxissjoni, is-Socjetá imsemmija fir-rejalta' giet denudata mill-uniku attiv ta' valur li kellha. Dan ifisser li giet reza insolvibbli, bil-konsegwenza li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Bonello sofriet iddiminwit fil-valur.

**45.** Sa fejn jirrigwarda l-Atturi ahwa Bonello, l-Att ta' rexxissjoni inkwistjoni jidher li sar ad insaputa u minn wara daharhom. Dan sar b'nuqqas ta' rispett lejn dak li trid il-ligi sa fejn jirrigwarda l-'buona fede' azjendali u korporattiva li ghandha issaltan f'bejn il-membri u socji tal-istess Socjeta`, f'kull ma jaghmlu fl-interess komuni taghhom u ghall-avvanz tal-istess Socjeta`. Ghalhekk ma hemm ebda dubbju li bl-agir tieghu, il-Konvenut Karl Bonello qua Direttur

tas-Socjetá Ta' Kra Holdings Ltd, bl-att ta' rexxissjoni inkwistjoni rreka pregudizzju l-interessi tal-Atturi ahwa Bonello bhala azzjonisti.

**46.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 481 il-Konvenuti jikkontestaw l-ezistenza ta' dan l-element billi jsostnu li "*l-esponenti Karl Bonello kien id-direttur wahdieni tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Limited u kien hu (u hu biss) li jiehu d-decizjonijiet kollha f'isem din il-kumpanija*" tant li kien hu li f'isem il-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd, irrikonoxxa d-debitu dovut lill-bank APS fuq il-kuntratt tat 31 ta' Awwisu 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler u inoltre kkostitwixxa ipoteka specjali fuq il-proprjetá ta' l-istess kumpanija.

**47.** Il-Konvenuti komplew isostnu li ghaldaqstant "*bl-istess argument l-atturi Kyle u Karla ahwa Bonello jistghu facilment jargumentaw billi jghidu illi meta giet kostitwita l-imsemmija ipoteka, tnaqqsulhom id-drittijiet taghhom fuq il-proprjeta in kwistjoni bhala azzjonisti tal-kumpanija ta' Kra Holdings Limited. Bl-istess argument l-atturi Kyle u Karla ahwa Bonello jistghu jittentaw jesperixxu l-azzjoni pawljana kontra l-esponenti Karl Bonello u l-kumpanija Ta' Kra Holdings Limited kif ukoll kontra l-kumpanija bankarja APS Bank Limited billi jilmentaw illi l-ipoteka naqsitilhom id-drittijiet taghhom fuq il-proprjeta in kwistjoni u ghalhekk hemm l-eventus damni. Jinghad minghajr tlaqliq illi xejn ma jista' jkun zbaljat aktar minn hekk*."

**48.** Din il-Qorti pero' tinnota, li fil-kuntratti li bihom gew kostitwiti l-ipoteki favur il-bank APS, kemm dak datat 21 ta' Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello DuPuis (a` fol 176) u anke dak datat 31 t'Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Peteri Fleri Soler (ara` fol 194 u 195), il-Konvenut Karl Bonello dejjem deher ghan-nom u f'isem is-socjetá Ta' Kra Holdings Ltd fuq id-debita awtorizzazzjoni tal-azzjonisti Atturi ahwa Bonello, kif rapprezentati minn Dr. Norval Desira.

**49.** Apparti dan kollu, l-argument tal-Konvenut f'dan ir-rigward, huwa fallaci f'aspett iehor. Ic-cirkostanzi fl-2001 kienu ghal kollox differenti minn dawk tal-lum. Jidher, li dak in-nhar il-konjugi Bonello kellhom relazzjonijiet tajbin. Ta' min ifakkar, li tant kienu tajbin, li l-propjeta' inkwistjoni kienet orginarjament tappartjeni lill-Attrici, li b'fiducja ghamja fil-Konvenut trasferitilu qabel iz-zwieg, bil-konsegwenza, li wara li zzewwgu, akkwistat il-kwalita` ta' proprjeta' parafernali tieghu.

**50.** Irid ukoll jitqies li fl-2001 l-ahwa Atturi kienu ghadhom minuri tant li Dr. Norval Desira kien jidher ghalihom. Ghalhekk kienu ghadhom taht is-setgha parentali, fost ohrajn tal-Konvenut, bl-effetti kollha li jgib mieghu dan l-Istitut tal-ligi kif regolat minn sub-Titolu I tat-Titolu IV tal-Kodici Civili. Jekk dak in-nhar kien hemm fiducja ghamja fil-Konvenut, u li jista' jkun li sa dak in-nhar kien jagixxi in 'buona fede' tal-minuri, ma jfissirx li fix-xenarju tal-avvenimenti li ghandha quddiemha l-Qorti fil-kawza odjerna, jekk issa qed jimxi b'male

fede, minhabba dak li gara qabel f'xenarju differenti, jiggustifika ghemilu llum. Di piu', li llum irid jiehu vantagg minn dak li ghamel meta uliedu kienu ghadhom minuri, biex jiggustifika dak li ghamel bl-imsemmi Att ta' rexxissjoni, ikompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti ta' kemm l-attur mexa b'mala fede.

**51.** Din il-Qorti waslet ukoll ghall-konkluzjoni, li l-Konvenuti naqqsu li jindikaw assi ohra tas-Socjeta' Ta' Kra Holdings Ltd, li fuqhom l-Atturi jistghu jesegwixxu l-interessi taghhom. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna fir-rigward tal-ezercizzju tal-azzjoni Pauliana jinghad hekk:

Dan huwa "*rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu* (**App. Civ. Bongailas Marco vs Magri John et deciza 15.01.2002**). *Inoltre id-duttrina u l-gurisprudenza pero` ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista`, jekk irid, ixejjen l-azzjoni pauliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista` jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli* (**Qorti Kum. Hare vs Diacono deciza fid-29 ta` Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789; PL. Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone**)."(**V.A.B. Company Limited vs Maria Isabella Turkdogan**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 16 ta' April 2013).

**52.** Ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li dan l-element tal-*eventus damni* jirrizulta fil-konfront tal-Atturi. Il-Qorti hija konvinta li l-pregjudizzju rekat minnhom huwa rizultat dirett tal-att rexxissorju fuq imsemmi tas-socjetá Konvenuta Ta' Kra Holdings Ltd kif rapprezentata mill-Konvenut l-iehor Karl Bonello.

<u>*Consilium Fraudis*</u>

**53.** Hija gurisprudenza uniformi li "*It-tieni element, dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. "L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad-debitur,u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur" (***PA. *Bugeja vs Terribile* deciza 7 ta' Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866***). Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti "ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b' dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett"(***App.Civ. *Vella Brigitte vs Vella Richard* et deciza 27 ta' Frar 2003***). Izda ghajr il-prova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur*." (**Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent u Maria Victoria** (supra)).

**54.** Il-Konvenuti jghidu li dan l-element ma jissussistix billi l-att ta' rexxissjoni kif korrett sar ghal raguni li s-sub-cens ta' LM1000 fis-sena impost fuq Ta' Kra Holdings Ltd permezz tal-att ta' trasferiment datat 23 t'April 1992 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler (a` fol 6) ma kienx qieghed jigi mhallas mill-istess Socjetá. Dan ifisser li skont il-Konvenuti, ir-rexissjoni saret ghaliex il-Konvenut Karl Bonello hala direttur tas-socjetá Ta' Kra Holdings Ltd ma kienx qieghed ihallas is-sub-cens lilu nnifsu. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li din hija xorta ta' ssofizmu legali li tkompli tikkomplika s-sitwazzjoni, mhux wisq ghall-Atturi, izda hafna aktar ghall-Konvenut Karl Bonello *propio* u fil-vesti tieghu *nomine*.

**55.** F'dan l-istadju l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-komportament tal-Konvenut fix-xhieda tieghu u fin-nota ta sottomissjonijiet prezentata minnu. Minn dawn jirrizulta b'mod car, li l-*forma mentis* ta' Karl Bonello, wara t-twaqqif tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd, kienet dik li, bhala l-uniku direttur taghha, tkun tieghu u titmexxa minnu wahdu, indipendentement minn dak li tghid il-ligi li tirregola s-Socjetajiet Kummercjali u jekk mhux ukoll l-artikli ta' assocjazzjoni u Statut tas-Socjeta` inkwistjoni. Is-segwenti xhieda tieghu hija rivelatrici ta' dan l-atteggjament:-

> "**Dr. William Cuschieri:** Inti smajt lit-tfal ukoll jixhdu f'din il-kawza. Issa, jekk inti kontx issemmilhom xi haga dwar din il-kumpanija Ta' Kra u dwar il-proprjetá tal-Courrier Main Street Gharghur.

**Xhud:** Le, la lilhom u lanqas il-mara ghax il-mara ma kellha l-ebda nteress lanqas fin-negozju meta ridt li tidhol fin-negozju u t-tfal kienu zghar...

**Dr. William Cuschieri:** U dwar decizjonijiet?

**Xhud:** Kollha jien kont nehodhom ghax jien kont nahdem fil-kumpanija." (ara xhieda a` fol 448. Ara wkoll nota ta' sottomissjonijiet a` fol 481 punt 5.2.1.14).

**56.** Huwa evidenti ghalhekk li effettivament, il-Konvenut Karl Bonello, kien jikkonsidra Ta' Kra Holdings Ltd bhala l-*alter ego* tieghu u agixxa b'din il-*forma mentis* fl-att rexxissorju kif korrett. Pero', jekk kien hemm zmien meta kien jemmen li qed jagixxi fl-interess ta' kulhadd, fil-kaz tal-att tar-rexxissjoni imsemmi, zgur li ma kienx il-kaz. Kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-Konvenuti, ir-raguni moghtija minnhom, u cioe` li r-rexissjoni saret ghax is-sub-cens ma kienx qieghed jithallas mis-Socjetá imsemmija, ikompli jsahhah u mhux idghajjef, l-ezistenza tal-element tal-*consilium fraudis*.

**57.** Dan qieghed jinghad ghaliex la darba s-sub-cens kellu jithallas mill-*alter ego* tal-Konvenut Karl Bonello lill-Konvenut Karl Bonello nnifsu u l-propjetá inkwistjoni baqghet in effett fil-kontroll tal-istess Karl Bonello, in-nuqqas ta' hlas, ma holoq l-ebda debiti rejali jew pretensjonijiet fuq is-Socjetá Ta' Kra Holdings Ltd fil-konfront tal-Knvenut Karl Bonello personalment. Isegwi li ma kienx hemm raguni valida u rejali li wasslet ghall-att ta' rexxissjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika. Ghalhekk huwa evidenti li dan l-att sar b'abbuz ta' Karl Bonello biex xjentement jigu eluzi d-

drittijiet u pretensjonijiet legittimi tal-krredituri tas-socjetá Ta' Kra Holdings Ltd, fosthom l-atturi.

**58.** Dan johrog b'aktar riljev meta jitqies li l-att ta' rexxissjoni kif korrett, sar mill-Konvenut, waqt li kien qed jaffronta proceduri istitwiti mill-Atturi ghall-istralc tal-kumpanija Ta' Kra Holdings Ltd (Rik Gur 68/06). Ghalhekk hija l-fehma soda ta' din il-Qorti li l-Konvenut Karl Bonello kien ben konxju li l-effett wara l-att ta' rexxissjoni huwa dak li jservi ta' sotterfugju biex, kif stqarr il-Konvenut Karl Bonello stess, a` fol 385, "jipprotegi" lilu nnifsu (ara xhieda tieghu a` fol 385). Fi ftit kliem ried li jeludi d-dritt tal-Atturi biex icahhadhom minn kull beneficcju derivanti mill-bejgh tal-proprjetá msemmija wara li l-istess Socjetá tigi stralcjata (**ara principju applikat f'cirkustanzi simili fis-sentenzi PL. Adrian Borg nomine vs Agostino sive Winston Carbone, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Mejju 2002 u HSBC Bank plc vs Fenech Estates Ltd et, Qorti Civili Prim' Awla, 19 ta' Jannar, 2000**).

**59.** Bhalli kieku dan ma kienx bizzejjed, l-animu li bih agixxa l-Konvenut Karl Bonello jkompli jispikka mix-xhieda tieghu li tinsab a` fol 384 u 385:-

"**Dr. William Cuschieri:** Imma int xi thoss dwar dawn l-affarijiet? Li sar kollu bi frodi u pregudizzju

**Xhud:** Ma sar xejn, anzi sar biex nipprotegi lilhom, lili u d-dar ghax jiena, kif nifimha jiena, mela l-Banek ghamlu l-ostakli kollha u meta konnha ftehmna ammont, mighalija xi Lm90,000, imbghad meta riedu iktar u jiena ghidtilhom li

jrid jonqos l-ammont xi Lm21,000 tac-cens. L-APS ma riditx lanqas, bdew izidu l-pressjoni, fethet kawza biex tnehhini minn amministratur tal-kumpanija ta' Kra allura hemm imbghad hargu l-vili ghax jiena mbghad biex nipprotegi lili nnifsi, jiena niftakar lill-Avukat Desira quddiem l-imhallef Felice, jghid l-Avukat Refalo: 'Intkom kull ma tridu tkeccu lil Karl barra min god-dar biex tiehdu l-flus tad-dar.' Din qieghda hemm miktuba u qala…

**Qorti:** Inti qed tirreferi ghall-proceduri numru 68 tal-2006 hux?

**Xhud:** Iva."

**60.** Huwa minnu, li skont artikolu 5(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, Socjeta' kummercjali b'responsabbilita` limitata ghandha personalita` guridika distinta mill-membri taghha. Izda huwa minnu wkoll, li din il-finzjoni legali issib il-limiti taghha peress li Socjeta` ta' din ix-xorta ma toperax 'in vacuum', izda tehtieg persuna fizika biex tirrapprezentaha u twettaq id-decizjonijiet mehtiega. F'dan il-kaz inzerta li din il-persuna li wettqet dawn il-funzjonijiet huwa il-Konvenut Karl Bonello.

**61.** Izda fejn il-Qrati taghna rriskontraw ghemil in 'mala fede' imwettaq fl-interess ta' Socjeta' Kummercjali, ma iddejjqux jesprimu b'mod car li hadd ma jista' jinheba wara l-personalita` guridika taghha. Di fatti, il-**Qorti tal-Appell fil-kawza Magri vs Aeroflot Russian International Airlines 01/07/2005**) kellha dan xi tghid dwar il-materja:-

*"Dawn il-Qrati ghamluha wkoll cara li fejn jirrizulta li jkun hemm agir skorrett li juri mala fede m'ghandux japplika l-principju tas-"separate juridical personality"* (ara ukoll sentenza per **Imhallef Mark Chetcuti tal-Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet Salvina Bugeja -vs- Albert Debono tal-10 ta' Lulju 2014)**.

**62.** Ghaldaqstant din il-Qorti hija gustifikata li tgholli l-mantell tal-personalitá guridika (lifting of corporate veil) tas-socjetá Ta' Kra Holdings Ltd u ssib lill-konvenut Karl Bonello personalment jissodisfa pjenement l-element tal-"consilium fraudis".

**63.** F'dan il-kaz, ladarba l-att rexxissorju ma kienx wiehed oneruz izda wiehed gratuwitu ghax sar "bla ebda konsiderazzjoni" (ara fol 44), ai termini tas-sub-incizi (2) u (3) tal-Artikolu 1114 tal-Kodici Civili, ma hemmx il-htiega li ssir il-prova tal-qerq tat-terz, ossia il-prova tal-*partecipatio fraudis*. Izda anke li kieku, l-att kellu jitqies bhala wiehed oneruz, dan l-element tal-azzjoni gie pprovat kemm ghal dak li diga` intqal u kemm ghall-fatt li l-Konvenut Karl Bonello rriduca s-Socjetá Ta' Kra Holdings Ltd bhala l-*alter ego* tieghu.

**64.** Aktar minn hekk kif intqal fis-sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **Prokuratur Legali Adrian Borg noe -vs- Agostino sive Winston Carbone noe et tat-30 ta' Mejju 2002**, il-'partecipatio fraudis' jirrikorri meta t-terz ikun jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur. Issa, tajjeb jew hazin, is-Socjeta' Ta' Kra Holdings Ltd, tramite l-Konvenut Karl

Bonello, hadet decizjoni bi ksur tal-imsemmi principju. Kuntrarjament ghas-Socjeta' tal-Kurrier Developments Limited, Ta' Kra Holdings Ltd hija mehtiega, kemm ai fini ta' integrita' ta' gudizzju u kif ukoll minhabba l-fatt, li din is-socjeta' kienet parti ghall-att ta' rexxissjoni mertu tal-kawza odjerna.

**65.** Sa fejn jirrigwarda s-Socjeta' l-ohra tal-Kurrier Developments Limited din ser tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju. Lil din il-Qorti ma jirrisultalhiex, li din is-Socjeta' kienet b'xi mod kompartecipi f'xi agir li rreka xi pregudizzju lill-Atturi. L-anqas ma kien hemm bzonn il-htiega taghha ghall-integrita` tal-gudizzju. Dan huwa rifless anke fil-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi tant li kienitx parti ghalih.

**66.** Kwantu jirrigwarda r-raba' talba Attrici din il-Qorti hasbet fit-tul fid-dawl tad-duttrina lokali gurisprudenzjali dwar ix-xorta ta' rimedju li jrid jinghata. Dan qieghed jinghad peress li, skont l-izvilupp dottrinali u gurisprudenzjali, l-azzjoni pauliana ssir mill-kreditur "f'ismu". Dan l-insenjament insibuh inciz fost ohrajn fis-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Lino Farrugia Sacco fl-ismijiet Joanne Cassar vs Joseph St. John et datata 8 ta' Mejju 2013 fejn intqal hekk**:-

> "*kawza ta' l-actio pauliana meta tirnexxi l-att impunjat jigi rez ineffikaci biss fil-konfront tal-kreditur li jkun ipproceda ossija kif jikteb* ***Trabucchi (Istituzioni di Diritto Civile" – 42a edizione (2005) – Cedam - §326 pg 712):***

*'Effetto della revocatoria è la dichiarazione di inefficacia dell'atto di alienazione; tale dichiarazione avvantaggia soltanto il creditore o i creditori istanti.'*"

**67.** F'Sentenza antecedenti ghal dik appena imsemmija, u cioe` tal-**Qorti Civili Prim' Awla per Imhallef Giannino Caruana Demajo, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Reuben u Romina mizzewgin Buontempo** datata 31 ta' Mejju 2006, sa fejn jirrigwarda talba simili ghal dik li ghandha quddiemha din il-Qorti, jinghad is-segwenti:-

"*Għalhekk ir-rimedju li tagħti din l-azzjoni ma hux it-tħassir ta' l-att erga omnes iżda biss illi jitqies bħalli kieku ma sarx safejn dan hu meħtieġ fl-interess tal-kreditur; aktar milli tiddikjara n-nullità ta' l-att, il-qorti tiddikjara n-nonopponibilità tiegħu għall-kreditur. Għal din ir-raġuni, ma hijiex meħtieġa l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' rexissjoni li trid it-tielet talba ta' l-attriċi.*"

**63.** Issa huwa minnu li bosta huma l-awturi konkordi li din l-azzjoni hija wahda personali. Di fatti Emidio Pacifici-Mazzoni ghandu dan xi ghid dwar in-natura ta' din l-azzjoni:-

*"L-azione pauliana e' personale, quand'anche con essa s'impugni un atto di alienazione di beni immobili".* Izda jaggungi ukoll is-segwenti osservazzjoni : '*Ma la revocazione dell'atto non produce in verun caso effetto u danno dei terzi, non partecipi della frode , I quali hanno acquistato a tiotolo oneroso diritti sugl' immobile anterioramente alla trascrizione della dimanda di*

*rivocazione (art 1933(3) e 1942)".* **(Istituzioni Di Diritto Civile Italiano; Vol V; pg 195 u 199; Ed 1873 Fratelli Cammelli Firenze.)**

**64.** B'dana kollu l-Qrati taghna ma humiex kollha konkordi dwar talba simili ghar-raba' talba Attrici, fil-kaz tal-ezercizzju tal-azzjoni pauliana. Anzi, pjuttost huma numeruzi dawk is-sentenzi, li jilqghu talba simili u jordnaw il-pubblikazzjoni ta' kuntratt biex ikun rexiss l-att defrawdanti. Anke fil-kawza ta' Joanne Cassar fuq imsemmija, giet milqugha talba simili, ciononstante dak li qalet dik il-Qorti dwar l-indole legali tal-azzjoni pauliana.

**65.** Fost il-kawzi li laqghu talbiet simili ghal dik li ghandha quddiemha din il-Qorti, insibu s-segwenti sentenzi tal-Prim' Awla Qorti Civili:- **Nazzareno Caruana pro et -vs- Martha Debono tal-14 ta' Lulju 2015 per Imhallef Joe zammit Mckeon; Dr. Bridgitte Vella -vs- Richard Vella per Geofrrey Valenzia tas-26 ta' Ottubru 2001; Maria Zammit Tabone -vs- Simlar Ltd per Imhallef Tonio Mallia tat-13 ta' Frar 2003**.

**66.** Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-kawza biex waslet ghar-risoluzzjoni ta' din il-problematika legali. Fic-cirkostanzi ta' din il-kawza, din il-Qorti thoss, li miz-zewg skejjel ta' hsieb fuq dan l-aspett partikulari tal-materja, ma tistax taghmel taghha u tabbraccja t-taghlim tal-gurista Taljan Emidio Pacifici Manzoni u kif jidher rifless fis-sentenza tal-**Qorti Civili Prim' Awla per Imhallef Giannino Caruana Demajo, fl-ismijiet Bank of Valletta**

**p.l.c. vs Reuben u Romina mizzewgin Buontempo** datata 31 ta' Mejju 2006 sucitata.

**67.** F'dan ir-rigward, il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-Bank of Valletta PLC fir-rikors numru 211/08 JRM fl-ismijiet Bank of Valletta Plc -vs- Carmelo sive Karl Bonello et, f'liema kawza qed isiru talbiet kwazi identitici ghal dawk odjerni, fost ohrajn talba ghall-hatra ta' Nutar biex jippubblika l-Att ta' rexxissjoni opportuni tal-Atti notarili imsemmijin fil-kawza odjerna. Hadet ukoll inkonsiderazzjoni xhieda tar-rappresentanti tal-APS Bank. Ghalhekk, din il-Qorti ma hi ser issib ebda diffikulta` biex f'din il-kawza tilqa' wkoll ir-raba' talba Attrici.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera** lis-Socjeta` tal-Kurrier Developments Limited mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti**.

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-Att pubbliku datat 28 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri kif sussegwentement korrett

b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri sar in frodi tad-drittijiet tal-Atturi u tas-Socjeta` Ta' Kra Holdings Ltd.

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici** u tiddikjara konsegwentement li minhabba l-imsemmija frodi, l-Att ippubblikat fit-28 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri, kif sussegwentement korrett b'att iehor tas-16 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri huwa null u bla effett fil-ligi fil-konfront tal-Atturi u tas-Socjeta` Ta' Kra Holdings Ltd.

**Tilqa' r-raba' talba**, u tinnomina lin-Nutar Alexia Sceberras Trigona biex tippubblika l-kuntratt ta' rexxissjoni taz-zewg kuntratti tat-28 ta' Settembru 2007 u tas-16 ta' Ottubru 2007 in atti Dottor Liza Camilleri u tahtar lill-Avukat Joe Buttigieg bhala kuratur deputat biex jidher ghall-eventwali kontumaci u tordna li dan il-kuntratt ta' rexxissjoni jigi pubblikat fit-23 ta' Frar 2018, fil-11.00 am, fit-tieni sular hdejn il-Kamra tal-Avukati gewwa l-Bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.

**Spejjes** tal-kawza kollha ghandhom jithallsu mill-Konvenut Karl Bonello.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**